MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 420/2006

Zarb Stores Limited (C2261) u Euro Malte 2000 Limited (C19986).

Vs

Waldonet Limited (C 19194).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetajiet attrici qeghdin jitolbu lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ erba mija u tlieta u tletin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm433.87), rapprezentanti danni konsegwenzjali sofferti minnhom meta l-istess socjeta’ konvenuta arbitrarjament kisret il-ftehim u waqfet is-servizz rigwardanti email li obbligat ruhha li taghti lill-atturi. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 17 ta’ Marzu 2006 u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni. B’riserva ghal

kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-atturi skond il-ligi inkluz anki rigward danni ulterjuri.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li eccepiet- 1. illi in linea preliminari s-socjeta’ konvenuta ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici Euro Malte 2000 Limited; 2. illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, s-socjeta’ konvenuta ma kkawzat l-ebda danni lis-socjetajiet attrici; 3. illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjetajiet attrici ghandhom jippruvaw x’danni tassew inkorrew, u li dawn id-danni huma direttament relatati mas-servizz ta’ *internet connectivity* li kien jigi rez mis-socjeta’ konvenuta lil Zarb Stores Limited.

Ra l-affidavit ta’ Joseph Azzopardi prodott mis-socjetajiet attrici.

Ra l-affidavit ta’ Joseph Zarb prodott mis-socjetajiet attrici.
Ra l-affidavit ta’ Dominic Zarb prodott mis-socjetajiet attrici.

Ra l-affidavit ta’ Sylvana Scerri prodotta mis-socjetajiet attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ Dominic Zarb prodott in kontro ezami mis-socjeta’ konvenuta.

Sema’ x-xhieda ta’ Christopher Calleja prodott mis-socjeta’ konvenuta.

Ra l-affidavit ta’ Alfredo Agius prodott mis-socjeta’ konvenuta.

Ra l-affidavit ta’ Lawrence Aquilina prodott mis-socjeta’ konvenuta.

Ra r-rikors tal-atturi tat-23 ta’ Novembru 2007.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta tal-5 ta’ Dicembru 2007.

Ra d-Digriet tieghu tal-10 ta’ Jannar 2008.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz tal-kawza odjerna, s-socjetajiet attrici qedin jitolbu l-hlas tad-danni lilhom ikkawzati meta s-socjeta' konvenuta ma komplietx tipprovdi s-servizz ta' *emails*, u cioe is-servizz li bih wiehed jibghat u jircievi *emails*, meta l-istess socjeta' konvenuta kienet thallset mis-socjetajiet attrici sabiex tipprovdi tali servizz.

Illi fl-ewwel lok, is-socjeta' konvenuta eccepiet illi hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici Euro Malte 2000 Limited.

Illi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni, t-Tribunal josserva li ma ngabu l-ebda provi minn-naha tas-socjeta' konvenuta in sostenn ta' din l-eccezzjoni.  Li jirrizulta mill-provi pero, huwa li s-socjeta' konvenuta kienet qed tipprovdi servizzi ta' *email addresses* ghaz-zewg kumpaniji attrici, u jidher illi s-socjeta' konvenuta kienet konxja ta' dan.  Di piu, fil-korrispondenza skambjata u partikolarment fil-faxes datati 9 ta' Awissu 2005 u 24 ta' Jannar 2006, hemm referenza ghaz-zewg kumpaniji, u ghalhekk ma jreggix illi issa s-socjeta' konvenuta tiddikjara li ma kellha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici Euro Malte 2000 Limited.

Illi fil-mertu, t-Tribunal ser jghaddi biex jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet.  Fl-ewwel lok, alavolja ghall-ewwel, is-socjeta' konvenuta kienet tipprovdi servizzi kemm ta' *internet* kif ukoll ta' *emails* lill-atturi, wara ftit, peress li dawn ta' l-ahhar ma kienux kuntenti bis-servizz ta' *internet* li kien qed jigi pprovdut, ma baqghux jiehdu s-servizz tal-*internet* minghand is-socjeta' konvenuta, izda baqghu jiehdu biss is-servizz ta' l-*email* minghandha.  Ir-raguni ghal dan kien illi l-atturi ma xtaqux ibiddlu l-*email*

*addresses* taghhom peress illi l-klijenti taghhom kienu draw dawk l-indirizzi u ma kienx ikun konvenjenti li jbiddluhom.

Illi ghalhekk l-atturi kienu nfurmaw lis-socjeta’ konvenuta li kienu ser izommu biss is-servizz ta’ l-*emails* maghhom u kienu sahansitra hallsu lis-socjeta’ konvenuta ghal dan is-servizz ghall-perjodu ta’ sena bejn Awissu tas-sena 2005 sa Awissu tas-sena 2006. Ta’ min josserva illi l-hlas gie accettat mis-socjeta’ konvenuta li fl-ebda hin u mument ma avzat lill-atturi li setghu jezistu xi problemi b’dan l-arrangament. Ghalhekk jidher li s-socjeta’ konvenuta kienet accettat li tipprovdi s-servizz ta’ *emails*, u ghalhekk kellha dover li tipprovdih lill-atturi.

Gara li ghall-ewwel l-atturi bdew jindunaw illi ma setghux jibghatu *emails,* u wara ftit lanqas setghu jircievu *emails*, u din is-sitwazzjoni holqot diversi problemi ghalihom. Ghalhekk kienu talbu l-assistenza ta’ terzi, u cioe *technician* tal-‘Ahead Technologies’, sabiex jigi investigat x’kien qieghed jigri u ghaliex kienet tezisti l-problema u kienu anki tkellmu mat-*technicians* tas-socjeta’ konvenuta. Illi t-*technicians* tas-socjeta’ konvenuta accettaw illi s-sistema li kienet qed tintuza ma setghetx tahdem u kienu taw tlett soluzzjonijiet ghall-problema. L-ewwel wahda kienet illi l-atturi jergghu jiehdu s-servizzi kollha minghand is-socjeta’ konvenuta; it-tieni wahda kienet illi l-atturi jiehdu s-servizzi kollha minghand *service provider* iehor; u t-tielet soluzzjoni kienet illi l-atturi jkollhom *server* taghhom stess u b’hekk ikunu indipendenti minn *service providers* bhalm hija s-socjeta’ konvenuta.

Peress illi l-ewwel zewg soluzzjonijiet fil-fatt ma kienux soluzzjonijiet accettabbli ghall-atturi, fl-ewwel lok ghaliex ma riedux imorru lura mas-socjeta’ konvenuta stante li ma kienux kuntenti bis-servizz taghha, u fit-tieni lok ghaliex ma xtaqux ibiddlu l-*email addresses* taghhom, l-atturi ghazlu t-tielet soluzzjoni, li wara kollox kienet soluzzjoni suggerita lilhom mis-socjeta’ konvenuta stess. Ovvjament l-atturi inkorrew spejjes sabiex jakkwistaw *server* ghalihom, u issa qedin jitolbu li dawn l-ispejjes jithallsu lura lilhom in linea ta’ danni, mis-socjeta’ konvenuta.

Illi l-ammont li qedin jitolbu l-atturi minghand is-socjeta' konvenuta huwa dak ta' Lm433.87, u cioe l-ammont li hallsu sabiex akkwistaw *server* taghhom, l-ammonti li hallsu ghas-servizzi tat-*technicians* li kellhom jitqabbdu sabiex isolvulhom il-problema, kif ukoll l-ammont li huma kienu hallsu lis-socjeta' konvenuta (Lm28) sabiex tipprovdi s-servizz ta' *emails*, liema servizz kif diga' gie spjegat, ma giex rez lilhom. Illi in sostenn ta' l-ammont mitlub, l-atturi ezebew l-ircevuti kollha, u ma saret l-ebda kontestazzjoni dwar l-ammont mitlub.

Illi fl-ahharnett, it-Tribunal josserva li s-socjeta' konvenuta ppruvat titfa' r-responsabbilta' ta' dak li gara fuq l-atturi fis-sens illi x-xhieda prodotti mis-socjeta' konvenuta xehedu li l-problema verament kienet gejja mill-fatt illi s-*service provider* li kienu qedin jaghmlu uzu minnu l-atturi, u cioe l-IT & T, kellha *'invisible proxy'* li kienet qed tibblokkja l-*emails* milli jghaddu. B'hekk, skond is-socjeta' konvenuta, ma kienx tort taghha li gara dak li gara, u se mai dan kien tort tal-atturi li ghazlu jmorru ma *service provider* iehor.

It-Tribunal pero jidhirlu li jekk problemi bhal dawn verament jezistu, allura bhala *service provider* li suppost hija intiza hafna fuq din it-tip ta' teknologija, kien fid-dmir tas-socjeta' konvenuta li tavza lill-atturi li dawn it-tip ta' problemi setghu jinqalghu. Minnflok hija ghazlet li ma tghid xejn u li taccetta l-hlas ghas-servizz mitlub minghandha. Malli ghamlet hekk, hija dahlet fid-dmir li tipprovdi s-servizz li ghalih kienet thallset. Oltre dan, ta' min jghid illi se mai kien kompitu tas-socjeta' konvenuta li tipproduci xhieda mill-IT & T sabiex dawn jikkonfermaw dak li kienet qed tallega, haga pero li ma saritx, u ghalhekk it-Tribunal lanqas jista' jkun konvint li din kienet ir-raguni ghaliex is-servizz ma setghax jinghata.

Illi in vista tas-suespost, it-Tribunal jidhirlu li l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ma jistghux jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, u

jilqa' t-talba tal-atturi, u b'hekk jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta' elf u ghaxar ewro u hamsa u sittin centezmu (€1010.65), ekwivalenti ghal LM433.87 kif mitluba fl-Avviz, bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.  L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------